FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 T' APRIL 2001

Avviz Nru 119/96DM

Korporazzjoni Enemalta

Vs

Bonnici Brothers Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta biex thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u seba' u tmenin lira u seba' u ghoxrin centezmu (Lm187.27) rapprezentanti danni kawzati mis-socjeta konvenuta fuq proprjeta tal-korporazzjoni attrici fl-Imriehel fil-21 ta' Frar 1994.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta l-ittra ufficjali tad- 29 ta' Novembru 1995 u bl-interessi legali u bis-subizzjoni tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici ghandha tkun michuda stante li s-socjeta konvenuta ma kenitx responsabbli ghad-danni li l-korporazzjoni attrici tallega li garrbet fi propjeta taghha fl-Imriehel fil-21 ta' Frar 1994;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta li effettivament kienet il-kumpanija konvenuta li kienet qed tezegwixxi x-xoghol ta skavazzjoni u li l-impjegat taghha kien laqat il-cable tal-attur u gew ikkawzati d-danni reklamati.

L-atturi izda jridu jippruvaw li kien hemm xi nuqqas tal-konvenuti li kien il-kawza tal-hsara. F'dan ir-rigward John Gafa' xehed li l-konvenuti lanqas biss ma applikaw biex jigu ggwidati mit-teknici tal-atturi u li l-cable kien kif mistenna moghti bic-cangatura u iktra minn zewg piedi u nofs taht il-livell tat-triq.

Izda dan kollhu gie kontradett mill-konvenuti, li jallegaw li mhux biss kienu applikaw ghad-direttivi mill-atturi izda kienu jigu rappresentanti tal-korporazzjoni jghatu l-istruzzjonijiet u li kienu gew avzati li l-cables kellhom ikunu taht dawk tat-Telemalta li l-konvenuti kienu qed jikxfu.

Evidentement il-provi ta xi applikazzjoni kellha tigi prodotta mill-konvenuti li fil-provi ma wrex ruhhom tant certi li kienet saret xi applikazzjoni partikolari ghax-xoghol 'de quo'.

Izda in sostenn tal-allegazzjoni li l-cable milqut ma kienx fil-livell aspettat huma ipproducew tlett ritratti li huma iktar konvincenti mid-deposizzonijiet tad-diversi xhieda u jistabilixxu li l-cable ma kienx fil-livell ta zewg piedi u nofs kif mistenni u li zgur kien ghaddej fuq il-cables tat-Telemalta li ma ghadhom ma jidhrux fir-ritratti.

Ghalhekk, stante dawn ir-rizultanzi ma ssibx illi l-atturi ippruvaw l-allegazzjoni taghhom sodisfacentement.

Dwar l-obbligazzjoni ffirmata minn John Bonnici, ghandhu jinghad li huwa ma huwiex parti fil-kawza u fl-istess obbligazzjoni ma gietx implikata il-kumpanija konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Magt Dr D Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep Reg
CIV20